(2) It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni taħt l-Artikolu 296 TFUE

Ir-rikorrenti tinvoka wkoll ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni taħt l-Artikolu 296 TFUE, peress li l-Kummissjoni qagħdet biss fuq preżunzjonijiet u deduzzjonijiet globali, mingħajr madankollu ma spjegat għal xiex il-kundizzjonijiet tas-self ma kinux kundizzjonijiet normali u għal xiex hija injorat malajr il-prassi deċiżjonali preċedenti tagħha.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju tad-dritt ta' smigħ, taħt id-diversi espressjonijiet tiegħu

Ir-rikorrenti ssostni wkoll ksur tal-prinċipju tad-dritt ta' smigħ taħt id-diversi espressjonijiet tiegħu, peress li l-Kummissjoni ma ttrattatx mal-gvern fedarali l-bidla fil-pożizzjoni tagħha qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

---

[1] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006, tal-15 ta' Diċembru 2006, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat dwar l-għajnuna de minimis (ĠU L 314M, p. 654).

## Rikors ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2011 — Aldi vs UASI — Dialcos (dialdi)

## (Kawża T-505/11)

(2011/C 355/38)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Aldi GmbH & Co. KG (Mülheim an der Ruhr, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Lützenrath, U. Rademacher, L. Kolks u C. Fürsen, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell:* Dialcos SpA (Due Carrare, l-Italja)

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-5 ta' Lulju 2011, fil-Kawża R 1097/2010-2;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* Dialcos SpA.

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva, li tinkludi l-element verbali "dialdi", għal prodotti fil-klassijiet 29 u 30.

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark verbali: "ALDI" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 4, 7, 9, 16, 24, 25, 29, 30, 31, 32, 33, 34 u 36.

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, peress li hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti.

## Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2011 — i-content vs UASI — Decathlon (BETWIN)

## (Kawża T-514/11)

(2011/C 355/39)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* i-content Ltd Zweigniederlassung Deutschland (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Nordemann, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Decathlon SA (Villeneuve d'Ascq, Franza)

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2011 fil-Każ R 1816/2010-1 u tiċħad l-oppożizzjoni Nru B 001494205;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "BETWIN", b'mod partikolari għal prodotti fil-klassijiet 25, 26 u 28 — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 7281652

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 6780951 tat-trade mark figurattiva "bTwin", b'mod partikolari għal prodotti fil-klassijiet 25 u 28; reġistrazzjoni tat-trade mark Franċiża Nru 23191414 tat-trade mark figurattiva "bTwin", fost oħjran, għal prodotti fil-klassi 25; reġistrazzjoni tat-trade mark Franċiża Nru 99822017 tat-trade mark figurattiva "bTwin", fost oħjran għal prodotti fil-klassi 28

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni parzjalment milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* rikors miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 peress li l-Bord tal-Appell qies, b'mod żbaljat, li t-trade marks inkwistjoni kienu jinxtiebhu b'mod li tista' tinħoloq konfużjoni bejniethom.

---

## Rikors ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2011 — Delphi Technologies vs UASI (INNOVATION FOR THE REAL WORLD)

**(Kawża T-515/11)**

(2011/C 355/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Delphi Technologies, Inc. (Wilmington, l-Istati Uniti tal-Amerka) (rappreżentanti: C. Albrecht u J. Heumann, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-23 ta' Ġunju 2011, fil-Każ R 1967/2010-2;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċeduri.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "INNOVATION FOR THE REAL WORLD", għal prodotti fil-klassijiet 7, 9, 10 u 12 — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 7072705

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni rrifjutata fl-intier tagħha

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell: (i) fehem b'mod żbaljat l-oneru tal-argumenti u tal-prova stabbiliti fl-Artikolu 7(1)(b); (ii) żbalja fl-applikazzjoni tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-evalwazzjoni tal-karattru distintiv ta' slogans u tat-tifsira possibbli tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni; u, (iii) injora l-użu sostanzjali u r-reputazzjoni tat-trade mark, li hija importanti għall-perċezzjoni tas-slogan mill-konsumatur rilevanti. Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009 u tal-prinċipji ġenerali ta' proċedimenti amministrattivi, peress li l-Bord tal-Appell ma ħax inkunsiderazzjoni li kien hemm diġà slogans identiċi u simili li fihom il-kelma "INNOVATION" li ġew irreġistrati fl-UE u b'mod partikolari, mill-UASI.

---

## Rikors ippreżentat fid-29 ta' Settembru 2011 — United States Polo Association vs UASI — Polo/Lauren (Rappreżentazzjoni ta' żewġ plejers tal-polo)

**(Kawża T-517/11)**

(2011/C 355/41)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* United States Polo Association (Kentucky, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: P. Goldenbaum, I. Rohr u T. Melchert, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* The Polo/Lauren Company, LP (New York, l-Istati Uniti)

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-17 ta' Ġunju 2011, fil-Każ R 1107/2010-2;

— tikkundanna lill-konvenut ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk tar-rikorrenti; u

— tikkundanna lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell tbati l-ispejjeż tagħha, fil-każ li tintervjeni fil-proċeduri

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti.

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tat-trade mark figurattiva li tirrappreżenta żewġ plejers tal-polo, għal prodotti fil-klassi 3 — reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 5997473

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* il-parti l-oħra għall-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat:* reġistrazzjoni ta' trade mark Franċiża Nru 1441630 tat-trade mark figurattiva li tirrappreżenta plejer tal-polo, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 9, 14, 16, 18, 24, 25 u 35; reġistrazzjoni ta' trade mark Spanjola Nru 878316 tat-trade mark figurattiva li tirrappreżenta plejer tal-polo, għal prodotti fil-klassi 3; reġistrazzjoni ta' trade mark tar-Renju Unit Nru 2172123 tat-trade mark figurattiva li tirrappreżenta plejer tal-polo, għal prodotti fil-klassi 3; reġistrazzjoni ta' trade mark Ġermaniża Nru 1070650 tat-trade mark figurattiva li tirrappreżenta plejer tal-polo, għal prodotti fil-klassi 3; reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 4236527 tat-trade mark tridimensjonali li tirrappreżenta flixkun bi plejer tal-polo, għal prodotti fil-klassi 3